# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 19**

**Citazzjoni Numru 627/13 JZM**

**GBCom Limited (C 51508)**

**v.**

**Av Dottor Nicolai Vella Falzon li gie nominat bhala Kuratur sabiex jirraprezenta lis-socjeta` MSA Holdings Limited, socjeta` registrata d-Dubai, United Arab Emirates, b'numru ta' registrazzjoni JC/2522/10, b'digriet tal-21 ta' Awwissu 2013**

**P.L. Madeleine Firman li giet nominata sabiex tirraprezenta lill-assenti Mohammed Aghaei, b'digriet tal 21 ta'Awwissu, 2013**

**Afegra Management Limited (C49208)**

**Afegra Holding Limited (C49209)**

**Afegra Finance Limited (C49210)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mis-socjeta` attrici ["l-appellanti"] minn sentenza preliminari moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2015 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Mohammedreza Aghaei ["l-appellat"] li dik il-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi l-kawza fil-konfront tieghu u ghalhekk illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju.

2. B'rikors prezentat mis-socjeta` appellanti fid-29 ta' Jannar 2015 dina qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-rikors, is-sentenza appellata tigi mhassra u, minflok, din il-Qorti tiddeciedi li l-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu l-kawza proposta mill-appellanti kontra l-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

3. B'risposta prezentata fit-18 ta' Frar 2015 l-appellat qed jitlob li l-appell jigi michud u li s-sentenza appellata tigi konfermata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Il-Fatti**

4. Il-fatti kif johorgu mir-rikors promotur huma s-segwenti:

> "1. Illi s-socjeta` attrici GBCom Limited, socjeta` Maltija bin-numru ta` registrazzjoni C 51508 kienet azzjonista fis-socjeta` Afegra Management Limited, socjeta` ohra Maltija bin-numru ta` registrazzjoni C49208. Kif jirrizulta mill-anness estratt tal-Malta Financial Services

Authority (`l quddiem **MFSA**) datat 3 ta` Gunju 2013 din is-socjeta` kellha tletin fil-mija (30%) tal-ishma (vide Dok. A).

"2. Illi l-azzjonisti l-ohra fi hdan l-istess socjeta` kienu Mohammedreza Aghaei li effettivament kellu disgha u sittin fil-mija (69%) tal-ishma u s-socjeta` MSA Holdings Limited (li l-beneficial owner taghha huwa Hassan Asadi) li kellha wiehed fil-mija tal-ishma (1%).

"3. Illi s-socjeta` Afegra Management Limited kellha socjeta` sussidjarja – socjeta` ohra Maltija, bl-isem ta` Afegra Holdings Limited, numru ta` registrazzjoni C 49209. Fil-fatt is-socjeta` Afegra Management Limited kellha disgha u erbghin fil-mija (49%) tal-ishma f`din is-socjeta`, filwaqt li s-socjeta` MSA Holdings Limited kellha wiehed u hamsin fil-mija (51%) tal-ishma. Dan jirrizulta mill-estratt tal-MFSA, hawn anness bhala Dok. B.

"4. Illi s-socjeta` Afegra Holding Limited kellha socjeta` sussidjarja taghha – Afegra Finance Limited, socjeta` ohra registrata Malta bin-numru ta` registrazzjoni C 49210. Dan jirrizulta minn estratt tal-MFSA anness bhala Dok. C.

"5. Illi is-socjeta` Afegra Finance Limited kellha imbaghad numru ta` socjetajiet sussidjarji taghha, fosthom socjeta` bl-isem Afegra Trading SA, registrata L-Isvizzera.

"6. Illi kartella tal-Group Structure tal-Afegra Group hija annessa bhala Dok. D.

"7. Illi l-iskop li ghalih twaqqfu dawn is-socjetajiet kollha kien li jsir kummerc fl-Iran. Illi l-kummerc kien isir tramite s-socjeta` Afegra Trading SA, is-socjetajiet l-ohra hawn fuq imsemmija kienu hemm ghal skopijiet finanzjarji u bhala parti minn skema ta` efficjenza fiskali, li tuzufruwixxi mil-legislazzjoni Maltija f`dan ir-rigward.

"8. Illi b`hekk effettivament is-socjeta` attrici GBCom Limited kellha erbatax punt sebgha fil-mija (14.7%) fl-Afegra Group, Mohammed Aghaei kellu tlieta u tletin punt wiehed tmienja fil-mija (33.81%) tal-Afegra Group u s-socjeta` MSA Holdings Limited kellha wiehed u hamsin punt disgha erbgha fil-mija (51.49%) tal-Afegra Group.

"9. Illi x-xoghol kien maqsum kif gej : Mohammed Aghaei kien jiehu hsieb il-bejgh – principalment fl-Iran, u dan kien jaghmlu bl-involviment ta` socjeta` li kienet tappartjeni interament lilu bl-isem Afegra Middle East. Il-bejgh attwalment kien isir mis-socjeta` Afegra Trading. Is-socjeta` GBCom Limited, tramite il-beneficial owner taghha Gert Bosscher, kienet inkarigata mix-xiri u mill-operations f`Geneva l-Isvizzera.

"10. Illi din l-istruttura hadmet tajjeb minn meta giet inkorporata sa` Novembru 2011. Sa` dak iz-zmien kellha turnover sostanzjali u kienet

qed taghmel qliegh tajjeb sew. B`hekk fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2011 is-socjeta` Afegra Trading SA kellha turnover ta` aktar minn US$ 800,000,000. Fil-fatt l-isem Afegra sar sinonimu mad-dinja kollha fil-qasam tal-bejgh tal-qmuh.

“11. Illi f`daqqa wahda f`Novembru 2011 ghal ragunijiet li ser jigu spjegati iktar `l quddiem, l-affarijiet waqfu habta u sabta u s-socjeta` attrici giet infurmata li l-Iranjani ma kienux qed ihallsu. L-azzjonisti l-ohra ma riedux imorru wara l-Iranjani ghall-hlas u gie deciz li l-grupp jirralenta sew, kwazi ghal kollox, il-bejgh, sabiex jikkonsolida l-posizzjoni tieghu u ma jitlifx flus. L-azzjonisti l-ohra insistew illi huma kienu ser jinnegozjaw mal-Iranjani ghall-hlas.

“12. Illi saru diversi diskussjonijet bejn l-azzjonisti biex jaraw x`kienet l-ahjar triq `l quddiem, u fil-hmistax ta` Mejju 2013, sar ftehim li permezz tieghu, is-socjeta` MSA Holdings kellha tixtri l-ishma tas-socjeta` attrici fis-socjeta` Afegra Management Limited bil-prezz ta` US$ 3,000,000. Dan il-ftehim u hawn anness bhala Dok. E. F`dal-ftehim il-partjiet ftehemu wkoll li l-ftehim kien regolat bil-ligi Maltija.

“13. Illi l-prezz ta` US$ 3,000,000 kien ikkalkulat fuq il-kotba finanzjarji tas-socjetajiet fi hdan l-istess Afegra Group.

“14. Illi appena gie ffirmat il-ftehim, is-socjeta` attrici skopriet illi waqt li huma kienu azzjonisti fis-socjeta` bejn Novembru 2011 u t-tletin ta` Mejju 2013, l-azzjonisti l-ohra kienu bdew jahdmu l-istess xoghol ta` Afegra Group minn wara dahar is-socjeta` attrici, tramite socjetajiet ohrajn.

“15. Illi rrizulta wkoll illi pagamenti li suppost waslu ghand l-Afegra Group baqghu ma waslux u marru ghand socjetajiet ohrajn kontrollati mill-konvenuti MSA Holdings Limited u Mohammedreza Aghaei.

“16. Illi rrizulta wkoll li gew falsifikati dokumenti u li sar qerq car a dannu tas-socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

“17. Illi kieku s-socjeta` attrici kienet taf b`dan kollu zgur li ma kenitx ser tbiegh l-ishma taghha bil-prezz irrizorju ta` US$ 3,000,000 imma kienet tippretendi li tithallas ukoll l-erbatax punt sebgha fil-mija (14.7%) ekwita` fil-qliegh kollu li sar minn wara daharha bejn Novembru 2011 sad-data tal-bejgh tal-ishma, u dan peress illi s-socjeta` attrici kellha sehem ta` erbatax punt sebgha fil-mija (14.7%) f`dak kollu li jsehh, jew suppost sehh, fi hdan l-Afegra Group.

“18. Illi rejalment in-negozju kollu li sar minn wara dahar is-socjeta` attrici, suppost li sar tramite l-istruttura ta` Afegra Group, u kwindi l-introjtu kollu li sar minn dan in-negozju, suppost li dahal fi hdan l-Afegra Group u s-socjeta` attrici kellha erbatax punt sebgha fil-mija (14.7%) tal-profitt kollu li gie rejalizzat.

> "19. Illi l-agir ta` Mohammedreza Aghaei bhala direttur tas-socjeta` Afegra Management Limited imur ukoll kontra l-artikolu 136A u 143 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.
>
> "20. Illi is-socjeta` MSA Holdings Limited, u s-sid beneficjarju taghha Hassan Asadi, kienu komplici mal-istess Mohammedreza Aghaei u t-tnejn li huma agixxew in mala fede sabiex tigi ppregudikata s-socjeta` attrici. Fil-fatt anke d-diretturi li s-socjeta` MSA Holdings Limited poggiet fuq is-socjetajiet Afegra Holdings Limited u Afegra Finance Limited agixxew kontra l-interessi tal-istess socjetajiet sabex jagevolaw lil MSA Holdings Limited.
>
> "21. Illi l-agir tal-konvenuti MSA Holdings Limited u Mohammedreza Aghaei jmur ukoll kontra l-ftehim li kien hemm bejnhom u s-socjeta` attrici li n-negozju tal-qmugh ghall-Iran u ghall-pajjizi ohra tal-Vant kellu jsir tramite l-istruttura tal-Afegra Group.
>
> "22. Illi in vista tal-mala fede u anke qerq li gie kommess, kif ukoll in vista tal-integrazzjoni ekonomika bejn is-socjetajiet diversi fi hdan l-Afegra Group, ghandu jkun hemm "Lifting of the Corporate Veil" li jezisti bejn id-diversi socjetajiet fi hdan l-Afegra Group.
>
> "23. Illi s-socjetajiet sussidjarji Afegra Holdings Limited u Afegra Finance Limited, bhala socjetajiet sussidjarji ta` Afegra Management Limited, li kienu wkoll kontrollati mill-konvenuti azzjonisti fi hdan Afegra Management Limited, huma wkoll responsabbli solidalment versu s-socjeta attrici ghad-danni minnha sofferti."

5. Illi l-gudizzju odjern jikkoncerna l-ewwel eccezzjoni kontenuta fir-risposta guramentata mahlufa mill-kuratrici deputata l-Prokuratur Legali Madeline Firman mahtura sabiex tirrapprezenta f'din il-kawza lill-assenti Mohammedreza Aghaei. Din l-eccezzjoni taqra hekk:

> "1. Preliminarjament, illi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddecidi l-vertenza odjerna ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-kawza kif impustata fil-konfront tal-ecceppjent ma taqa' taht ebda kap gurisdizzjonali mill-kapi imsemmija fl-artikolu 742 li fuqu din il-Qorti tista' teradika [recte: tirradika] l-gurisdizzjoni taghha."[1]

---

[1] Fol.66

## **Is-Sentenza Appellata**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha fuq din l-eccezzjoni billi ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**III.** **Provi tal-assenti konvenut Mohammedreza Aghaei**

"Il-Kuratur Deputatipprezentat **Dok MF1** li huwa dikjarazzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji datata 15 ta` Jannar 2014 fejn ighid: (i) illi Aghaei mhuwiex azzjonista tal-ebda kumpannija registrata fir-Registru tal-Kumpanniji; u (ii) illi Aghaei huwa direttur tal-kumpannija Afegra Management Limited (C49208).

"Fl-affidavit tieghu datat 16 ta` Jannar 2014 (**Dok MF2**) Aghaei jixhed illi huwa cittadin ta` St. Kitts and Nevis (**Dok MF5**) u li qatt ma kien cittadin ta` Malta. Fid-data tal-presentata tal-kawza tal-lum, ma kellux assi – mobbli jew immobbli – sitwati f`Malta; lanqas jippossjedi ishma f`xi kumpannija registrata f`Malta. Ikkonferma li kien u ghadu direttur ta` Afegra Management Limited (C49208). Ighid li huwa jirrisjedi abitwalment go Istanbul fit-Turkija u li la qatt kien u lanqas huwa residenti jew domiciljat go Malta. Ipprezenta **Dok MF3** datat 16 ta` Settembru 2013, li permezz tieghu, Afegra Management Limited tat avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji illi fil-31 ta` Mejju 2013 kien registrat maghha t-trasferiment ta` 16,500,000 Ordinary A Shares u 52,500,000 Ordinary B Shares minn Aghaei a favur ta` MSA Holding Limited, kumpannija registrata go Dubai. Skond **Dok MF4**, wara l-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju kontra Aghaei, l-ebda sekwestratarju ma ddepozita taht l-awtorita` tal-Qorti flus jew effetti li jappartjenu lil Aghaei.

"**Ikkunsidrat :**

"**IV.** **Provi tas-socjeta` attrici**

"Fl-affidavit tieghu (**Dok J**), Gert Nanno Bosscher xehed li huwa direttur u azzjonista tas-socjeta` attrici. Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni ta` Aghaei, huwa stqarr li fis-27 ta` Gunju 2013 (data tal-presentata tal-kawza tal-lum) Aghaei kien kemm direttur kif ukoll azzjonista ta` Afegra Management Limited. Fl-4 ta` Lulju 2013, is-socjeta` attrici pprezenta mandat ta` qbid kawtelatorju fil-Qrati Maltin kontra Aghaei fuq l-ishma li kellu fis-socjeta` Afegra Management Limited. Il-mandat kien notifikat lir-Registratur tal-Kumpanniji. Aghaei ttrasferixxa l-ishma tieghu u avza lir-Registratur tal-Kumpanniji fis-16 ta` Settembru 2013. L-ishma kienu trasferiti lil MSA Holdings Limited. Hareg mandat ta` qbid kontra MSA Holdings Limited fuq l-ishma li kienu ta` Aghaei.

"Permezz ta` **Dok F1** is-socjeta` attrici ghamlet il-prova illi Aghaei kien u ghadu direttur tal-kumpannija Afegra Management Limited (C49208). Ipprezentat **Dok G1** li huwa kopja ta` Mandat ta` Qbid Kawtelatorju li hareg fl-4 ta` Lulju 2013 kontra l-assenti Aghaei wara talba tas-socjeta`

attrici sabiex il-Mandat jigi ezegwit fuq 16,500,000 Ordinary A Shares u 52,500,000 Ordinary B Shares fil-kumpannija Afegra Management Limited (C49208). Bil-Mandat kien notifikat ir-Registratur tal-Kumpanniji fil-5 ta` Lulju 2013. Ipprezentat ukoll **Dok H** li huwa l-istess bhal Dok MF3, kif ukoll **Dok I** li hija ittra datata 17 ta` Ottubru 2013 meta s-socjeta` attrici pprotestat mar-Registratur tal-Kumpanniji ghall-fatt li accetta d-**Dok H** meta kien notifikat b`**Dok G1**.
**Ikkunsidrat :**

"**V. L-Art 742(1) tal-Kap 12**

"Id-disposizzjoni taqra hekk :–

"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija :

"(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra ;

"(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta ;

"(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta

"(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta ;

"(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta ;

"(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta ;

"(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.

"**Ikkunsidrat :**

"**VI. Risultanzi**

"**1. Generali**

"Eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti hija meqjusa bhala dilatorja tal-gudizzju, u ghandha ghalhekk tkun deciza ghaliha jew qabel inkella flimkien mas-sentenza fuq il-mertu (Art 730 tal-Kap 12). Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti idderigiet lill-partijiet fis-sens illi kienet sejra tiddeciedi l-eccezzjoni – **kif fil-fatt qeghda taghmel illum** - qabel tittratta l-mertu.

"L-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti inghatat minn wiehed **biss** mill-konvenuti *in limine litis.*

"Bhala punt ta` dritt, il-Qorti tirrileva wkoll illi l-gurisdizzjoni tal-Qrati trid tigi radikata fil-mument tal-ftuh tal-kawza (ara : "**Montanaro Gauci vs Bickford**" : Qorti tal-Appell : 2 ta' Gunju, 1969)

"**Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis is-seba` (7) kazi previsti fl-Art 742(1) tal-Kap 12 sabiex tistharreg jekk, fuq l-iskorta tal-assjem ta` l-provi akkwiziti, hijiex radikata nkella le l-gurisdizzjoni taghha.**

"**2. Il-paragrafu (a)**

"Mis-seba` kazi, il-paragrafu (a) huwa **l-uniku** fejn ir-rekwizit huwa c-cittadinanza ta` Malta sabiex tkun fondata l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna.

"Fil-kaz tal-lum, jirrizulta ppruvat illi l-assenti Aghaei la huwa u lanqas qatt kien cittadin ta` Malta. Irrizulta nfatti minn prova dokumentarja mhux kontradetta illi huwa cittadin ta` St. Kitts and Nevis.

"**Mela mhijiex fondata l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-Art 742(1)(a).**

"**3. Il-paragrafu (b)**

"Hija gurisprudenza pacifika ta` dawn il-Qrati illi meta l-ligi tirreferi ghal *kull persuna* kemm fil-paragrafu (b) kif ukoll fid-disposizzjonijiet l-ohra minn (c) sa (g), hija qeghda tirreferi ghall-konvenut.

"Ghalhekk il-kwistjoni jekk Qorti Maltija ghandhiex is-setgha li tisma` u tqis kawza mressqa quddiemha (u l-mertu taghha jaqa` fil-kompetenza taghha) trid titqies b`riferenza ghall-kwalitajiet tal-persuna tal-konvenut, l-izjed fejn ir-raguni tal-gurisdizzjoni hija mibnija fuq il-presenza tal-konvenut go Malta. Din it-tifsira hija l-applikazzjoni tal-massima actor sequitur forum rei u tal-massima ubi te invenio, ibi te convenio. [ara : Prim`Awla tal-Qorti Civili : **PA/JRM** : "**Angelo Cutajar & Sons Limited vs Dr Anthony Cremona et**" : 16 ta` Ottubru 2003].

"Fil-kaz tal-lum, tirrizulta l-**prova guramentata mhux kontradetta** tal-assenti Aghaei li jsostni li huwa jirrisjedi abitwalment go Istanbul fit-Turkija, li huwa la qatt kien u lanqas huwa residenti jew domiciljat go Malta. Ighid inoltre li fid-data tal-presentata, u anke wara, kien assenti

minn Malta, tant li kien hemm il-htiega ghall-hatra ta` Kuratur Deputat biex jidher ghalih.

“**Mela <u>mhijiex fondata</u> l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-<u>Art 742(1)(b)</u>**.

“**4. <u>Il-paragrafu (c)</u>**

“Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar 1993 fil-kawza “**<u>Manduca noe vs Chetcuti noe</u>**” il-Qorti tal-Kummerc irrimarkat illi ghalkemm il-motiv ta’ l-gurisdizzjoni skond il-paragrafu (c) huwa applikabbli l-aktar meta l-oggett tal-kawza jkun immobbli sitwat go Malta, *pero’* jista’ jkun il-kaz ukoll ta’ mobbli, **izda <u>jehtieg</u> li dak l-oggett li jkun jinsab Malta jkun *“<u>innifsu l-meritu tal-kawza</u>”*.**

“Hekk ukoll fil-kawza “**<u>Scicluna vs Carbone</u>**”, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta’ Novembru 1884, kien rimarkat illi :-

> “*“la parola “cosa” nel suo piu’ ampio significato e’ tutto cio’ che che ha un valore di scambio, e, per essere piu’ comprensivo, la legge si e’ riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intelletuale, come sarebbero un avviamento , un credito, o una publica estimazione di un commerciante, i titoli, i cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni e simili”.*
>
> “(ara wkoll, “**<u>Xuereb vs Brincat</u>**” : Qorti tal-Kummerc : fil-11 ta’ Gunju, 1979).

“Ishma ta` kumpannija huma hwejjeg mobbli b’definizzjoni **<u>espressa</u>** tal-ligi [ara l-**<u>Art 315(a) tal-Kap 16</u>**].

“**L-azzjoni attrici tal-lum <u>mhijiex</u> *dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu Malta* <u>izda hija</u> azzjoni ghal danni kontra l-konvenuti, jew min minnhom, bil-kawzali tkun allegata mala fede jew qerq. Il-mertu tal-kawza la huma l-ishma li s-socjeta` attrici kellha fil-kumpannija konvenuta Afegra Management Limited ; lanqas l-ishma li Aghaei kellu fl-istess kumpannija konvenuta qabel ittrasferixxa dawk l-ishma lis-socjeta` konvenuta l-ohra MSA Holdings Limited.**

“In vista tal-premess, **<u>mhijiex fondata</u> l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-<u>Art 742(1)(c)</u>**.

“**5. <u>Il-paragrafi (d) u (e)</u>**

“Mill-assjem tal-provi, ma jirrizultax illi l-kontrattazzjoni tal-obbligazzjoni saret go Malta [paragrafu (d)].

"Lanqas ma jirrizulta li l-ezekuzzjoni jew l-effett ta` l-obbligazzjoni kellu jkun go Malta [paragrafu (e)].

"Dwar *presenza,* wiehed ma jifhimx biss presenza attwali u fisika imma tinkludi fiha wkoll prezenza permezz ta` persuna rapprezentanti taghha (ara: Qorti tal-Kummerc: 29 ta` Mejju 1959: '**Parnis England vs England noe'**: Kollez. Vol. XLIII.III.856)

"Jinsorgi l-kwesit tal-*status* tal-kuratur deputat.

"Fis-sentenza taghha fil-kawza '**Angelo Cutajar & Sons Limited vs Dr Anthony Cremona et noe**' (op. cit.) din il-Qorti rrimarkat illi:

> "*… l-hatra wahedha ta` kuratur deputat ghal parti li ma tkunx tinsab Malta mhijiex bizzejjed biex issejjes l-element tal-presenza fil-gurisdizzzjoni, fejn tali presenza hija mehtiega, imma sservi biss biex tintegra l-gudizzju, fejn minhabba cirkostanzi ohrajn li bihom il-gurisdizzjoni hija altrimenti stabbilita, kawza titreassaq quddiem il-qrati maltin. Li kieku kellha tinghata tifsira ohra, kien ikun ifisser li l-htiega tal-ligi ghall-presenza tal-parti mharrka f`Malta kienet tkun wahda semplicement teorika, billi din setghet tingheleb kull darba billi wiehed jirrikorri ghall-hatra ta` kuraturi deputati u b`hekk johloq prezenza. Illi ghalhekk safejn allura hemm cirkostanzi fejn il-prezenza tal-imharrek f`Malta hija mehtiega ma jidhirx li dan il-vot huwa mwettaq.*"

"Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma.

"**Fl-assjem ma tistax tkun fondata l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-Art 742(1)(d) u l-Art 742(1)(e).**

"**6. Il-paragrafi (f)**

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi bil-frazi '*kull obbligazzjoni*' il-ligi mhux biss qeghda tifhem obbligazzjonijiet kontrattwali izda qeghda tinkludi obbligazzjonijiet naxxenti minn delitti jew kwazi delitti.

"Bl-azzjoni odjerna, is-socjeta` attrici li hija **socjeta` registrata fil-Gzejjer Maltin** qeghda tallega li Aghaei u/jew il-konvenuti l-ohra kkommettew delitt jew kwazi delitt fil-konfront taghha u kkawzawlha danni.

"(ara: Prim`Awla tal-Qorti Civili: 11 ta` Jannar 1918: '**G.E.C. vs Page et**': Kollez. Vol. XXIII.II.277)

"Biex ikun hemm gurisdizzjoni skond il-paragrafu (f), irid jirrizulta li s-sentenza tista` tigi esegwita f`Malta.

"Ghal dan ir-rigward **mhijiex kondiviza** l-fehma tas-socjeta` attrici illi din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni, fejn il-kawza tirrigwarda lil Aghaei, ghaliex eventwali sentenza tkun tista` tigi esegwita fuq l-ishma ta`

Aghaei fis-socjeta` Afegra Management Limited li kienu kolpiti b`Mandat ta` Qbid.

"Dwar din l-ahhar kwistjoni, il-Qorti tirreferi ghall-**Art 118, 119 u 120 tal-Kap 386**.

"**Il-Qorti ghandha l-prova kostitwita minn Dok MF3 li jghid fl-ewwel lok illi Aghaei ttrasferixxa l-ishma kollha li kellu go Afegra Management Limited lil MSA Holdings Limited fil-31 ta` Mejju 2013, u jghid fit-tieni lok, illi r-registrazzjoni ta` dak it-trasferiment mar-Registratur tal-Kumpanniji sar fis-16 ta` Settembru 2013. Anke jekk ir-registrazzjoni mar-Registratur tal-Kumpanniji kienet tardiva, tenut kont tal-Art 120(3) tal-Kap 386, dak il-fatt ma jgibx in-nullita` tat-tarsferiment jew tar-registrazzjoni, izda jesponi lill-ufficjali tal-kumpannija Afegra Management Limited ghal hlas ta` penali skond l-Art 120(4) tal-Kap 386. Jinghad ukoll illi fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat u tal-Mandat ta` Qbid, it-trasferiment tal-ishma kien diga` sehh. Il-Qorti m`ghandhiex prova li tikkontradici dak li jistabilixxi Dok MF3. Lanqas ma ghandha prova li kien hemm inosservanza ta` dak li jghidu l-Art 118 u 119 tal-Kap 386.**

"Fil-kaz tal-lum, **irrizulta ppruvat** illi Aghaei mhuwiex azzjonista tal-ebda kumpannija registrata fir-Registru tal-Kumpanniji.

"Irrizulta li Aghaei m`ghandux propjeta` sitwata f`Malta.

"Lanqas ma jirrizulta li ghandu xi beni ohra.

"Il-fatt ippruvat li Aghaei huwa direttur tal-kumpannija konvenuta Afegra Management Limited (C49208) wahdu mhux bizzejjed biex isostni l-gurisdizzjoni ta` dawn il-Qrati skond l-Art 742 tal-Kap 12.

"**Fil-fehma tal-Qorti, ma tistax tkun fondata l-gurisdizzjoni taghha fil-konfront ta` Aghaei skond l-Art 742(1)(f).**

"**7. Il-paragrafi (g)**

"**Dan il-motiv ma kien bl-ebda mod ippruvat.**

"**Ghalhekk ghal din il-Qorti ma jirrizultax li ghandha gurisdizzjoni skond l-Art 742(1)(g).**"

**L-Appell**

7. Is-socjeta` appellanti qed iggib 'il quddiem tlett aggravji bazati fuq il-paragrafi bin-numri [f] [c] u [g] tas-subinciz [1] tal-Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

*L-ewwel aggravju*

8. Dan hu bazat fuq il-paragrafu [f] tas-subinciz fuq indikat. L-appellanti tissenjala li meta kienet giet intavolata l-kawza odjerna fis-27 ta' Gunju 2013 l-appellat kellu registrati fuq ismu eluf ta' ishma[2] fis-socjeta` Afegra Management Limited registrata f'Malta. Fil-fatt dawn l-ishma kienu diga' gew maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid kawtelatorju mahrug fl-4 ta' Lulju 2013 u debitament notifikat lir-Registratur tas-Socjetajiet.[3]

9. L-appellanti tghid li l-fatt li, minkejja l-mandat ta' qbid l-appellat xorta wahda fis-17 ta' Settembru 2013 ittrasferixxa dawn l-ishma lil terzi, ma jdghajjifx il-fatt provat li fil-mument li fih saret il-kawza odjerna u sa xaharejn u nofs wara, l-appellat kellu ishma registrati fuq ismu f'Malta li fuqhom setghet tigi ezegwita s-sentenza kemm il-darba l-ezitu taghha jkun sfavorevoli ghalih.

---

[2] 16,500,00 ishma Ordinarji A u 52, 500,000 ishma Ordinarji B
[3] Dok.G1 – Fol.116

10. L-appellanti tilmenta kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li strahet fuq il-kontenut tal-Form T registrata mal-imsemmi Registratur u li, ghalkemm dan id-dokument juri d-data tas-16 ta' Settembru 2013 bhala d-data ta' registrazzjoni, fih hemm dikjarat li d-data tat-trasferiment tal-ishma tal-appellat kienet il-31 ta' Mejju 2013 u ghalhekk data precedenti ghall-prezentata tal-kawza.

11. Fir-rigward l-appellanti tissenjala s-segwenti sottomissjonijiet:

> "(i) Ingiebet evidenza cara mill-atturi li turi li, anke wara li giet intavolata l-kawza, l-ishma fis-socjeta` Afegra Management Limited, kienu ghadhom registrati f'isem Mohammed Reza Aghaei, tant li gew maqbuda b'mandat ta' qbid;
>
> (ii) It-trasferiment ta' ishma huwa validu biss mid-data li gie rregistrat, u mhux minn semplici data li tpoggiet backdated fuq il-Form T.
>
> (iii) L-appellat Aghaei ma esebixxa ebda dokument li verament juri li t-trasferiment kien sar fil-31 ta' Mejju 2013. L-appellat kien f'posizzjoni li jesebixxi tali dokument imma fil-fatt ma esebixxa xejn. Din kienet tkun l-aqwa prova!
>
> (iv) Illi l-apprezzament li ghamlet il-Qorti tal-artikoli ta' Kap. 386 huwa bir-rispett kollu zbaljat. Fil-fatt l-artikoli citati mill- ewwel Qorti jwasslu ghal konkluzjoni dijametrikament opposta ghal dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. L-artikolu 118 ighid li trasferiment ta' ishma irid isir bil-miktub u s-socjeta` tirrikonoxxi tali trasferiment meta l-istrument ta' trasferiment jigi depositat mas-socjeta`. **Tali dokument li kien l-unika prova dwar meta verament gew trasferiti l-ishma, baqa' ma gie ppresentat qatt.** Mela ma hemm ebda prova li l-ishma verament gew trasferiti fil-31 ta' Mejju 2013! Dan l-istrument qatt ma seta` jigi prezunt mill-ewwel Qorti.
>
> (v) Illi lanqas ma gie esebit ir-*Register of Members* tas-socjeta` (imsemmi fl-artikolu 119 u 123 tal-Kap. 386) biex juri li verament kien sar xi trasferiment da parte ta' Aghaei qabel ma nfethet il-kawza.
>
> (vi) Illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija perikoluza ferm, ghax qed tiftah il-bieb berah ghall-abbuz. Kull meta wiehed barrani li jsib ruhu fil-posizzjoni ta' Mohammed Reza Aghaei, jkollu kawza kontrih Malta, (u tali persuna jkollha ishma f'socjeta` Maltija), kulma jrid jaghmel biex jahrab mill-gustizzja huwa li jitrasferixxi l-ishma meta jrid u jsemmi data ta'

trasferiment *backdated* ghal qabel ma tkun giet intavolata l-kawza kontrih.

(vii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tal-artikolu 285 tal-Kap. 12, una volta l-ishma ta' Aghaei kienu gia kolpiti minn mandat ta' qbid, it-trasferiment taghhom huwa *ipso jure* null u bla effett.

Illi b'hekk l-ewwel Qorti zgur li kellha ssib li kien hemm gurisdizzjoni ai termini tal-artikolu 742(1) (f).”

12. L-appellat jirribatti ghal dan l-aggravju billi jghid li, ghalkemm huwa pacifiku li l-ewwel rekwizit ghall-applikabbilita` tad-dispozizzjoni in dizamina huwa sodisfatt, it-tieni rekwizit u cioe` dak li jirreferi ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza “mill-provi prodotti ma jista’ qatt jintqal [li dan ir-rekwizit’ jista’ jkun b’xi mod sodisfatt.” Ikompli jghid:

“Dan ghaliex, filwaqt illi fil-premessi nfushom [numri 12 u 13] huwa jistqarr kif verament sehhew il-fatti u sahansitra jipproduci l-ftehim ta’ bejgh tal-ishma [Dok.E] datat 15 ta’ Mejju 2013 fir-rikors tal-appell l-appellanti tipprova tiggranfa mal-fatt illi xi hadd fil-kumpaniji dam ma rregistra tali trasferiment tal-ishma fir-Registru tas-Socjetajiet sa Settembru 2013.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

13. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li f’dan il-kaz huma relevanti s-segwenti dispozizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili:

“559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista’ ġġib.”
“560. (1) Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista’ ġġib.”
“562. Bla ħsara ta’ kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah.”

14. Fil-meritu l-Qorti tosserva li l-vertenza in dizamina hija bazata fuq d-determinazzjoni tal-punt jekk l-appellat ressaqx prova sodisfacenti ta' dak allegat minnu, cioe` li t-trasferiment tal-ishma tieghu lis-socjeta` MSA Holdings Limited kien sar fil-31 ta' Mejju 2013 u li ghalhekk meta giet intavolata l-kawza odjerna fis-27 ta' Gunju 2013 huwa ma kellu ebda proprjeta` [inkluzi ishma] f'Malta.

15. In sostenn tal-allegazzjoni tieghu l-appellat ipprezenta zewg elementi ta' prova: Dok.MF2 intestat "Affidavit" u Dok.MF3 li hu kopja ta' notifika lir-Registratur tal-Kumpanija ta' trasferiment ta' ishma mill-appellat lis-socjeta` fuq indikata.

16. Dwar l-ewwel dokument din il-Qorti tosserva li, ghalkemm dan huwa intestat "Affidavit" u huwa indikat bhala *"sworn declaration"* u ghalkemm tidher fuqu firma allegatament tal-appellat, ma hemmx prova fil-process li d-dikjarazzjoni maghmula minnu kienet verament konfermata bil-gurament.[4] Hawnekk il-Qorti tosserva li lanqas ir-risposta guramentata ma kienet giet konfermata bil-gurament mill-appellat. Ghaldaqstant il-valur propatorju ta' din il-prova dokumentali huwa negligibbli.

[4] Dok.MF2 Fol.106

17. Dwar it-tieni element ta' prova mressaq mill-appellat, il-Qorti tosserva li din tikkonsisti f'fotokopja ta' *"Notice of transfer or transmission of Shares"* registrata fis-16 ta' Settembru 2013 u li skont il-kontenut ta' dan id-dokument l-appellat kien trasferixxa l-ishma tieghu lil MSA Holding Limited fil-31 ta' Mejju 2013.

18. Jirrizulta li l-ewwel Qorti accettat dan id-dokument bhala prova sodisfacenti li l-appellat kien verament trasferixxa l-ishma tieghu fl-imsemmija data u ghalhekk accettat li meta giet intavolata l-kawza odjerna, l-appellat ma kellux assi f'Malta.

19. L-appellanti qed tikkontesta din id-decizjoni tal-Qorti kif gia` fuq spjegat u qed issostni li dan id-dokument ma jipprova xejn ghajr li l-imsemmija *"Notice"* kienet giet registrata fis-16 ta' Settembru 2013. Hija tesprimi t-thassib taghha li dan id-dokument li kien gie registrat wara li kienet intavolata l-kawza odjern, mhu xejn aktar hlief manuvra da parti tal-appellat sabiex jipprova jsostni l-ewwel eccezzjoni tieghu kontenuta fir-risposta guramentata tieghu prezentata fil-25 ta' Settembru 2013.

20. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti ghandha ragun meta tghid li l-appellat naqas milli jressaq prova sodisfacenti dwar l-ezistenza tat-trasferiment tal-ishma tieghu, li skont il-ligi kellu jsir bil-miktub. Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-ewwel Qorti li ghax *"Il-Qorti m'*

*ghandhiex prova li tikkontradici dak li jistabbilixxi Dok.MF3"* allura l-kontenut tieghu kellu jigi accettat. Il-Qorti ghandha tezigi l-aqwa prova u f'dan il-kaz l-aqwa prova mhijiex ir-registrazzjoni tal-allegat ftehim li saret minn terzi, izda il-prova dokumentali[5] li turi li l-ftehim fil-fatt kien sehh fid-data indikata fid-dokument u l-oneru tal-prova ta' dan il-fatt kien jispetta lill-appellat li allega il-fatt u l-appellanti ma kellha ghalfejn tikkontradixxi xejn qabel ma l-fatt allegat jigi sostnut bi provi sodisfacenti.

21. Ghaldaqstant, apparti mill-fatt li l-appellat ma kkonferma xejn bil-gurament, ladarba din il-prova hija mankanti, is-socjeta` appellanti ghandha ragun issostni li l-ewwel eccezzjoni mhijiex sostnuta bi provi sodisfacenti.

22. Ghalhekk dan l-aggravju qed jitqies bhala gustifikat.

23. Fl-ahhar nett ghall-kompletezza jigi osservat li l-ftehim li sehh fil-15 ta' Mejju 2013 u li ghalih hemm referenza kemm fir-rikors promotur fil-paragrafi 12 u 13 u kemm fir-risposta tal-appellat mhux relevanti ghall-finijiet tal-vertenza odjerna stante li dan il-ftehim kien jirrigwardja l-

[5] Kap.386 – Art.118[1] u [2]. Dawn fil-parti relevanti taghhom jaqraw hekk: *" (1) Minkejja kull disposizzjonijiet li jinsabu f'xi liġi oħra, trasferiment ta' azzjonijiet jew ta' obbligazzjonijiet f'kumpannija għandu jsir bil-kitba. (2) Kumpannija ma tkunx tista' tirreġistra trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jekk ma jkunx ingħata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tiegħu:…*

bejgh u xiri[6] ta' ishma mis-socjeta` appellanti lis-socjeta` MSA Holding Limited u li l-appellat personalment ma kienx parti f'dak il-ftehim.

24. Ladarba din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju, mhux il-kaz li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq indikati tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat dwar il-gurisdizzjoni; tordna li l-process jigi rimandat lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bil-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb

[6] Foll.23 *et seq.*